



BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-6 ta' Ottubru, 2004

**fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-bidu ta' negozjati li jittrattaw ftehim dwar ir-relazzjonijiet monetarji mal-Prinċipalita` ta' Andorra (COM(2004) 548 final)
(CON/2004/32)**

1. Fit-8 ta' Settembru, 2004, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea talab opinjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-bidu ta' negozjati li jittrattaw ftehim dwar ir-relazzjonijiet monetarji mal-Prinċipalita` ta' Andorra (COM(2004) 548 final) (minn issa 'l quddiem 'ir-rakkomandazzjoni').
2. Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni dwar ir-rakkomandazzjoni hija bbażata skond l-Artiklu 111(3) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita` Ewropea. B'konformita` ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artiklu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Regulatorju adotta din l-opinjoni.
3. Ir-rakkomandazzjoni tipproponi abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi, li billi l-kundizzjonijiet meħtieġa stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/548/KE tal-11 ta' Mejju, 2004¹, għall-bidu ta' negozjati bejn il-Komunita` u l-Prinċipalita` ta' Andorra (minn issa 'l quddiem 'Andorra') dwar ftehim monetarju (minn issa 'l quddiem 'il-Ftehim') ġew sodisfatti, dawn in-negozjati jistgħu jinbdew.
4. Fl-Opinjoni tiegħu CON/2004/12 ta' l-1 ta' April, 2004, dwar id-Deċiżjoni 2004/548/KE², il-BĊE jagħraf, *inter alia*, li jkun fl-interess tal-Komunita` li tibda negozjati dwar il-Ftehim.
5. Ir-rakkomandazzjoni tikkunsidra li l-kundizzjonijiet meħtieġa fid-Deċiżjoni 2004/548/KE ġew sodisfatti, billi l-Komunita` u Andorra bdew il-ftehim dwar it-tassazzjoni tad-dħul mit-tfaddil, u Andorra refgħet ir-responsabbilta` biex tirratifikah qabel it-30 ta' April, 2005. F' dawn iċ-ċirkostanzi, il-BĊE ma jara l-ebda raġunijiet li jmorru kontra l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill biex jinbdew negozjati ma' Andorra dwar il-Ftehim.

¹ ĠU L 244, 16.7.2004, pġ. 47.

² ĠU Ċ 88, 8.4.2004, pġ. 18.

6. Il-BĊE jinnota li n-negozjati dwar il-Ftehim ikunu sospiżi jekk Andorra ma tirtatifikax il-ftehim dwar it-tassazzjoni tad-dħul mit-tfaddil qabel it-30 ta' April, 2005.
7. Skond l-Artiklu 7 tad-Deċizzjoni 2004/548/KE, il-Kummissjoni se tmexxi n-negozjati ma' Andorra f'isem il-Komunita', bi Spanja u Franza jkunu assoċjati bis-sħiħ man-negozjati u l-BĊE jkun assoċjat bis-sħiħ ma' dawk in-negozjati li jaqgħu fi ħdan il-qasam tal-kompetenza tiegħu.

Magħmula fi Frankfurt am Main, is-6 ta' Ottubru, 2004.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET